**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Dicembru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1047/2019 AF**

**Staff International S.P.A. (130479) kif rapprezentata mill-mandatarja lokali taghha l-Avukat Dr. Joanna Mifsud**

**vs**

**Masilo Limited (C-26347)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Staff International S.p.a. plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro (€17,188.00) liema somma tirraprezenta merkanzija kkonsenjata lis-socjetà intimata bl-ingrossa fuq inkarigu taghha stess.

Skond il-fatturi li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. S12", is-somma globali dovuta lis-socjetà rikorrenti kienet originarjament tammonta ghal sitta u tletin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€36,625.00).

Is-socjetà intimata hallset parti minn din is-somma dovuta u cioè hallset l-ammont ta' dsatax-il elf, erba' mija u sebgha u tletin Ewro (€19,437.00).

Skond ir-rendikont li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok. SI3" is-socjetà intimata baqghet inadempjenti fir-rigward tal-kumplament tal-ammont dovut lis-socjetà rikorrenti u cioè l-ammont ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro (€17,188.00).

Minkejja li s-socjetà intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-bilanc rimanenti lir-rikorrenti, hija baqghet inadempjenti.

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex dina l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li dan il-kreditu ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro (€17,188.00) huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjetà rikorrenti, s-socjetà intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Is-socjetà intimata taf b'dawn il-fatti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tilqa' t-talba tas-socjetà rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 *et sequentia* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara lis-socjetà intimata veru, cert u likwidu debitrici versu s-socjetà rikorrenti fis-somma ta' sbatax-il elf, mija u tmenin Ewro (€17,188.00);

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex minnufih thallas s-somma ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro (€17,188.00) lis-socjetà rikorrenti, bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetà intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li baqa' ma deher hadd in rapprezentanza ta' Masilo Limited minkejja li din giet debitament notifikata.

Ikkunsidrat li s-socjetà rikorrenti rnexxielha tipprova l-allegazzjonijiet taghhom kemm bil-gurament tal-mandatarja stess kif ukoll bid-dokumenti minnha esibiti.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tilqa t-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez jithallsu minn Masilo Limited.

IMHALLEF

DEP/REG